Sħubija ma' ditta/i lokali u/jew barranija biex tistabilixxi Faċilità Vokazzjonali Edukattiva u ta' Taħriġ fl-MCAST b'aċċess għal ambjent reali ta' xogħol, permezz ta' l-imsieħba tagħha, biex jiġi provdut tagħrif u kompetenzi fl-oqsma ta' l-i*scaffolding* u *rigging* (EXP 05/05).

Qed issir enfasi li din hija talba għal sħubija u mhux talba mill-MCAST biex jinxtara tagħmir. Il-kulleġġ se jkollu facilità ta' xogħol ta' *scaffolding* reali simulat fil-*Campus* li għandu fin-Naxxar għal taħriġ ta' snajja' u tagħrif. L-MCAST qed ifittex sħab li għandhom dedikazzjoni qawwija għal taħriġ u l-introduzzjoni ta' *standards*/kompetenzi internazzjonali rikonoxxuti għal dan il-qasam. Applikanti huma mistennija li jkunu involuti b'mod attiv fit-twaqqif ta' *scaffolding* u *rigging*. Huma mistennija wkoll jikkontribwixxu assessuri kwalifikati fis-settur għal 'post tax-xogħol' għal skopijiet ta' taħriġ kif ukoll tagħmir ta' *scaffolding* approvat kif suppost.

Dawk interessati għandhom jibagħtu l-proposti tagħhom lill-Kontrollur Finanzjarju, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Proposti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa apposta mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, id-9 ta' Mejju, 2005.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb billi jiġi kkuntattjat id-Direttur ta' l-Istitut ta' l-Inġinerija tal-Bini u Kostruzzjoni fuq Tel: 21 423626. Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati. Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

Is-26 ta' April, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is calling for an expression of interest for a:

Partnership with a local and/or foreign firm/s to establish a Vocational Education and Training Facility at MCAST with access to a real work environment, through its partners, for the purpose of providing knowledge and competencies in the disciplines of scaffolding and rigging. (EXP 05/05).

It must be stressed that this is a request for a partnership and not a request by MCAST to purchase equipment. The College will have a simulated realistic scaffolding work facility at its Naxxar Campus for the purposes of knowledge and skills training. MCAST is looking for partners who have a strong commitment to training and the introduction of internationally recognised standards/competencies for the sector. Applicants would be expected to be actively involved with the erecting of scaffolding and rigging. They would also be expected to contribute sector-qualified assessors to the 'work place' for training purposes as well as appropriately approved scaffolding equipment.

Interested parties should send their proposal to the Financial Controller, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. Proposals should be deposited in the appropriate box by not later than Monday, 9 May 2005 at noon.

Further information can be obtained by contacting the Director of the Institute of Building and Construction Engineering, on Tel: 21 423626. Late proposals will not be considered. The College reserves the right to refuse any or all applications, even the most advantageous.

26th April, 2005

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006,
Projects Part-Financed by the European Union
European Social Fund (ESF)

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf illi:-

Sa l-10.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Mejju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. DLC 2/05. Kisi mill-ġdid ta' triq.

Id-dokumenti relattivi jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 2, Misraħ Ġużè Abela, Ħad-Dingli (Nru. tat-Telefon 21456060), bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m. għall-ħlas ta' Lm30 kull kopja.

Tista' tiġi rifjutata kwalunkwe jew kull offerta.

Is-26 ta' April, 2005

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.30 a.m. of Friday, 6th May 2005, for:-

Advt. No. DLC 2/05. Road resurfacing.

Relative documents can be obtained from the Local Council's Office, 2, Misraħ Ġużè Abela, Dingli (Telephone No. 21456060) between 8.00 a.m. and 11.00 a.m. at a fee of Lm30 each copy.

Any or all offers can be refused.

26th April, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

854

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Novembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-23 ta' Lulju 2004, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Sebastian Muscat ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Lulju 2004, lil Sebastian Muscat, 4, Guntentag, Triq il-Kaħwiela, Santa Luċija, Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Norwich Union International Insurance Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Mark Gollcher, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess Mark Gollcher (337464M) filwaqt illi jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-8 ta' Awissu 2003, għall-ħabta tas-2.00 p.m., fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, bejn il-vettura misjuqa minnek, bin-numru ta' reġistrazzjoni HAU 661 u l-vettura proprjetà tal-mittenti Mark Gollcher, bin-numru ta' reġistrazzjoni KBD 929, jinterpellawk sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tħallas lill-mittenti Mark Gollcher, is-somma ta' ħamsa u sebgħin lira Maltin (Lm75.00) rappreżentanti excess payment minnu mħallas lis-soċjetà mittenti Fogg Insurance Agencies Limited, bħala riżultat ta' dan l-inċident u tħallas ukoll lill-mittenti Fogg Insurance Agencies Limited, is-somma ta' seba' mija u ħamsa u tmenin lira Maltija u sbatax -il ċenteżmu (Lm785.17) għall-ħlasijiet kollha minnha effettwati lill-assigurat tagħha bħala riżultat ta' l-imsemmi inċident, liema inċident seħħ unikament bħala riżultat tat-traskuraġini, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek.

Il-mittenti jinformawk illi f'każ illi t-terminu lilek mogħti

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 8th November 2004, in the records of the judicial letter filed on the 23rd July 2004, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Sebastian Muscat ordered the following publication for the purpose of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 23rd July 2004, against Sebastian Muscat, 4, Guntentag, Kaħwiela Street, Santa Luċija, Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) in the name and in representation of the foreign company Norwich Union International Insurance Limited and the later as subrogated in the rights of their insured Mark Gollcher, on the basis of the insurance policy of the type comprehensive and of Law, and the same Mark Gollcher (337464M) whilst referring to the car accident which occurred on the 8th August 2003, round about 2.00 p.m., in Aldo Moro Street, Marsa, between the vehicle driven by you, having registration number HAU 661 and the vehicle property of the interpellant Mark Gollcher bearing registration number KBD 929, call upon you so that within three (3) days you pay the interpellant Mark Gollcher the sum of seventy five Maltese liri (Lm75.00) representing excess payment paid by him to the interpellant company Fogg Insurance Agencies Limited, as a result of this accident and to pay the interpellant Fogg Insurance Agencies Limited, the sum of seven hundred and eighty five Maltese liri and seventeen cents (Lm785.17) for all the payments made by them, to their insured as a result of the said accident, which accident occurred solely as a result of carelessness, negligence and lack of observance of the traffic regulations on your part.

The interpellants inform you that in case the term given to

jgħaddi inutilment huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tiegħek bil-mezzi kollha li trid il-Liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Kopja ta' din l-ittra qiegħda tintbagħat ukoll lill-assiguraturi tiegħek Middle Sea Insurance plc (polza konkluża tramite Allcare Insurance Agency Limited) għal kull tenur u effett tal-Liġi.

Dina l-ittra qiegħda ssir senjatament, iżda mhux limitatament, għall-skopijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mittenti: Fogg Insurance Agencies Limited, Britannia House, Melita Street, Valletta.

Intimat: 4, Guntentag, Triq il-Kaħwiela, Santa Luċija.

Notifika: Middle Sea Insurance plc (....Omissis....) Middle Sea House, Furjana.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 21 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

you uselessly passes they shall have no alternative but to proceed further against you with all the means contemplated by law.

So much how that you may know how to proceed and avoid unnecessary expenses.

A copy of this letter is being sent to your insurers Middle Sea Insurance plc (policy concluded through Allcare Insurance Agency Limited) for all intents and purposes of Law.

This letter is being especially made, but not limitedly, for the purposes of interruption of prescription and in terms of Cap. 12 and Cap. 16 of the Laws of Malta.

Interpellants: Fogg Insurance Agencies Limited, Britannia House, Melita Street, Valletta.

Respondent: 4, Guntentag, Kaħwiela Street, Santa Luċija.

Notify: Middle Sea Insurance plc (....Omissis....) Middle Sea House, Floriana.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 21st April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

855

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-18 ta' Frar 2005, il-Qorti Ċivili Prim' Awla ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar 2005, fuq talba ta' First International Merchant Bank plc ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lil Bank Esteru Compagnie Algerienne De Banque fl-atti taċ-Ċitazzjoni, fl-ismijiet 'First International Merchant Bank plc vs Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lil Bank esteru Compagnie Algerienne De Banque' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Frar 2005, minn First International Merchant Bank plc (C 17003) kontra Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-Bank Esteru Compagnie Algerienne De

It is hereby notified that by a decree given on the 18th February 2005, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta.

To the Marshall of the Courts.

Whereas by decree given by this Court on the 18th February 2005, following the request of First International Merchant Bank plc it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the foreign Bank Compagnie Algerienne De Banque, in the records of the Writ of Summons, in the names 'First International Merchant Bank plc vs Deputy Curators to represent the foreign Bank Compagnie Algerienne De Banque' and in the relative and subsequent acts.

By means of a Writ of Summons, filed in the First Hall Civil Court on the February 2005, by First International Merchant Bank plc (C 17003) against Deputy Curators to represent the Foreign Bank Compagnie Algerienne De

Banque, il-Bank attur talab lil Bank konvenut għaliex in vista tal-premess u għar-raġunijiet premessi din il-Qorti m'għandhiex:

Tikkundannah iħallas lill-Bank istanti dik is-somma li fid-data tas-sentenza tekwivali għal kreditu ta' sitta u erbgħin elf u tliet mija u żewġ dollari Amerikani (US $ 46,302.00) liema ammont jirrapreżenta import ta' żewġ ittri ta' kreditu numerati rispettivament L/C CD/04/82.081 għas-somma ta' wieħed u għoxrin elf u tmien mitt dollaru Amerikan (US $ 21,800) u L/C CD/04 82.058 għas-somma ta' erbgħa u għoxrin elf ħames mija u żewġ dollari Amerikani (US $ 24,502), li l-istess Bank istanti ikkonferma lill-Bank konvenut, dan ta' l-aħħar bħala l-Issuing Bank, bl-imgħax skond il-liġi sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-Bank konvenut li huwa inġunt minn issa biex jidher in subizzjoni.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b'dan 'il kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Noel Cuschieri, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 18 ta' Frar 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Banque, the plaintiff Bank asked the defendant Bank why in view of the premised and for the reasons premised this Court should not:

Condemn them to pay the plaintiff Bank that sum which on the date of the judgment shall be equivalent to the credit of forty six thousand, three hundred and two American dollars (US $ 46,302.00) which amount represents value of two letters of credit enumerated respectively L/C CD/04/82.081 for the sum of twenty one thousand and eight hundred American dollars (US $ 21,800) and L/C CD/04/82.058 for the sum of twenty four thousand five hundred and two American dollars (US $ 24,502), which the same plaintiff Bank, confirmed to the defendant Bank, the latter as the Issuing Bank, with interest according to law till the effective payment.

With costs against the defendant Bank which is from now summoned to appear so that a reference to its evidence be made.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry and by means of a note to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the time stipulated this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so doing of if you encounter any difficulty in the execution of the bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Noel Cuschieri, LL.D., Doctor of Law.

Today 18th February 2005.

Registry of the Superior Courts today 21st April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

856

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru 2004, fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali ta' l-14 ta' Lulju 2004, fl-ismijiet Direttur Ġenerali tax-Xogħol vs Farstone Limited C-6880 ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' Lulju 2004, lil Farstone Limited C-6880 'Tavistock', Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, id-Direttur

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 7th October 2004, in the records of the Judicial Letter of the 14th July 2004, in the names Director General Works vs Farstone Limited C-6880 ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) on the 14th July 2004, against Farstone Limited C-6880 'Tavistock', Mdina Road, Żebbuġ, the Director General

Ġenerali tax-Xogħlijiet ta' 'Project House', Furjana, qiegħed għall-fini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata 'Dok A' u jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa mid-data ta' din l-ittra inti tħallas is-somma ta' mija u lira Maltija (Lm101.00) rappreżentanti ammont minnek dovut bħala dritt għad-depożitu ta' radam li inti għamilt matul is-sena 2003 u dan qiegħed jintalab ai termini ta' l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Drittijiet għad-Depożitu ta' Kull Skart u Radam (ta' l-Avviż Legali Numru 128 ta' l1997).

Fin-nuqqas ta' ħlas jew oppożizzjoni da parti tiegħek skond l-imsemmi Artikolu 466, l-esponent jgħaddi għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skond il-Liġi.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u bl-imgħax legali sal-jum tal-ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 21 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Works of 'Project House', Floriana, is for the purposes of Article 466 of the Code of Organisation Civil Procedure notifying you with the attached sworn declaration marked 'Doc A' and calls upon you so that within one week from the date of this letter you pay the sum of one hundred and one Maltese liri (Lm101.00) representing the amount due by you as a fee for the deposit of rubble which you made during the year 2003 and this is being demanded in terms of Article 8 and 9 of the Regulations of 1997 regarding (Fees) for the Deposit of Waste and Rubble (of Legal Notice Number 128 of 1997).

Failing payment or objection on your part according to Article 466, the applicant, shall proceed to issue executive warrants against you according to law.

So much so that you may know how too regulate yourselves.

With costs of the present and legal interest till the date of effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 21st April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

857

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Novembru 2004, fl-Atti ta' l-Avviż Numru 2007/97 MM Maltacom p.l.c. vs Anthony Montebello ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Lulju 2004, fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta u b'rikors tal-15 ta' Frar 1999, is-soċjetà Maltacom plc assumiet l-atti tal-kawża minnflok il-Korporazzjoni Telemalta kontra Anthony Montebello, is-soċjetà Kummerċjali Maltacom p.l.c. esponiet bir-rispett;

Illi l-kawża fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta u b'rikors tal-15 ta' Frar 1999, is-soċjetà Maltacom plc assumiet l-atti tal-kawża minnflok il-Korporazzjoni Telemalta kontra Anthony Montebello (Avviż Numru 2007/97MM) ġiet deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Frar 1999.

Illi fl-istess kawża l-konvenut kien ġie kkundannat iħallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm951.26 (disa' mija u wieħed u ħamsin lira Maltija u sitta u għoxrin ċenteżmu) in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 411151, li kien installat fil-fond Flat 1, St. John Street, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 25th November 2004, in the records of Notice Number 2007/97 MM Maltacom p.l.c. vs Anthony Montebello ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 30th July 2004, in the names TeleMalta Corporation and by application of the 15th February 1999, the company Maltacom plc took over the proceedings instead of Telemalta Corporation against Anthony Montebello, the commercial company Maltacom p.l.c. pleaded with respect;

That the cause in the names Telemalta Corporation and by application of the 15th February 1999, the company Maltacom plc took over the records of the cause instead of Telemalta Corporation against Anthony Montebello (Notice Number 2007/97 MM) was decided by this Court on the 15th February 1999.

That in the same cause the defendant was condemned to pay Telemalta Corporation the sum of Lm951.26 (nine hundred and fifty one Maltese liri and twenty six cents) in connection with telephone service number 411151, which was installed in the premises Flat 1, St. John Street, Constitution Street Mosta, with interest and with costs.

That from the said sum the defendant has not yet paid anything.

Illi l-ammont dovut fil-mument huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm144.57 (mija u erbgħa u erbgħin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu) ...Omissis...

Għaldaqstant l-ammont dovut lil-esponenti huwa ta' Lm1,508.04 (elf ħames mija u tmien liri Maltin u erba' ċenteżmi), salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-Soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rikorrenti: Maltacom p.l.c., Telgħet Spencer, il-Marsa.

Intimat: Anthony Montebello, Il-Ballut, Triq Delimara, Marsaxlokk.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 21 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the amount due at the moment is of the capitals above indicated, besides Lm144.57 (one hundred and forty four Maltese liri and fifty seven cents) ...Omissis...

Thus the amount due to the applicant is of Lm1,508.04 (one thousand five hundred and eight Maltese liri and four cents) saving any further interest till the date of effective payment.

That from the date of the judgement there passed more than five (5) years and the applicant company has an interest to proceed with the opportune warrants in order to collect the amount due to it.

Thus the applicant whilst making reference to article 258 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12) of the Laws of Malta prays with respect that it be authorized by this Honourable Court to proceed with the opportune warrants to execute the judgements in the names above indicated.

Applicant: Maltacom p.l.c., Spencer Hill, Marsa.

Respondent: Anthony Montebello, Il-Ballut, Delimara Street, Marsaxlokk.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 21st April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts an Tribunals

858

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-1 ta' Novembru, 2002, ġew iffriżati l-assi kollha ta' Isaac Chetcuti ta' sebgħa u għoxrin sena (27), bin Francis u Wilhelmina neé Spiteri, imwieled H'Attard fil-5 ta' Awissu, 1977, u joqgħod 63, Triq il-Lunzjata, Tas-Sliema u detentur tal-Karta ta' l-Identità Nru 357877 (M). Din l-ordni tal-Qorti kienet ġiet debitament ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,310 nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Novembru, 2002.

B'rikors tal-21 ta' Frar, 2005 Isaac Chetcuti talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja biex teskludi mill-assi ffriżati l-fond numru 63, Triq il-Lunzjata, Tas-Sliema.

Illi b'digriet tad-19 ta' April, 2005 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba u l-fond numru 63, Triq il-Lunzjata, Tas-Sliema ħawn fuq imsemmi ġie eskluż mill-assi li kienu ġew iffriżati u għalhekk jista' jiġi ppubblikat l-att finali kif ukoll ordnat il-pubblikazzjoni tad-digriet tagħha skond il-liġi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' April, 2005.

PAUL MIRUZZI
Assistent Reġistratur

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 1st November, 2002 all assets pertaining to Isaac Chetcuti, twenty seven (27) years, son of Francis and Wilhelmina neé Spiteri, born at Attard on the 5th August, 1977 and residing at No. 63, Triq il-Lunzjata, Sliema, and holder of Identity Card No. 357877 (M) were frozen. This Court order was duly published in Government Gazette number 17,310 of Friday 8th November, 2002.

By an application filed on the 21st February, 2005, Isaac Chetcuti asked the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry to exclude from the frozen assets the premises which is situated at number 63, Triq il-Lunzjata, Sliema.

By a decree of the 19th April, 2005, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry, this Honourable Court acceded to the request and the above mentioned premises No. 63, Triq il-Lunzjata, Sliema were excluded from the frozen assets and therefore the final deed can be published while it also ordered the publication of its decree according to Law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 21st April, 2005.

PAUL MIRUZZI
Assistant Registrar

859

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' April 2005, fl-atti tar-rikors numru 136/2004, fl-ismijiet Ian Bonello vs Jennifer Zahra, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Ian Bonello a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-22 ta' Frar 2005, fl-atti tar-rikors numru 136/04, fl-ismijiet Ian Bonello Vs Jennifer Zahra, ir-rikorrenti Jennifer Zahra 484076(M) esponiet bir-rispett;

Illi skond digriet numru 1130/04, kif sussegwentement amendat u varjat bid-digriet numru 1345/04, l-intimat għandu aċċess għall-minuri nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn il-5 u 7 p.m., bil-kundizzjoni li ma tkunx preżenti Sylvana Sammut, li hija l-mara li magħha qed jikkoabita l-intimat, u kif ukoll l-intimat huwa obbligat li jħallas lill-esponenti manteniment ta' Lm150 fix-xahar għall-minuri.

Illi primarjament l-intimat mhux qed iħallas dan il-manteniment billi ħallas lill-esponenti cheque ta' darba u lanqas biss issarraf, kopja hawn annessa.

Illi l-intimat filwaqt li mhux qed iħallas dan il-manteniment, mhux jiddejjaq imur weekend breaks ma' Sylvana Sammut u jorganizza festini għall-istess Sammut.

Illi l-intimat meta jeżerċita l-aċċess għal ibnu għadu sallum ma jobdix ordni tal-Qorti li ma jkunx hemm Sylvana Sammut u dan minkejja li fl-aħħar digriet tagħha din l-Onorabbli Qorti wissiet lill-intimat li jekk jibqa' jieħu lill-minuri fil-preżenza ta' Sylvana Sammut l-aċċess kien se jonqos.

Illi l-esponenta indunat li l-intimat għadu jieħu lill-minuri fil-preżenza ta' Sylvana Sammut għaliex meta l-minuri ra ritratt ta' din Sylvana beda jipponta subajgħ lejha u jsejħilha 'Zi'.

Illi l-esponenti qed tinnota wkoll li wara li l-minuri jiġi lura mill-aċċess dan qed ikun diżorjentat u ma jkunx irid jitlaq lil ommu u jiggranfa magħha.

Illi di più kull meta l-intimat imur għall-minuri qiegħed jipprovoka għall-ġlied lill-missier l-esponenti u ġieli kellu xi jgħid miegħu u ma' l-esponenta, saħansitra quddiem il-minuri.

Illi dan l-aġir da parti ta' l-intimat qed ikun ta' preġudizzju kbir għall-minuri speċjalment minħabba l-preżenza ta' din Sylvana Sammut.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 19th April 2005, in the records of the application number 136/2004, in the names Ian Bonello vs Jennifer Zahra, ordered the following publication for the purpose of service of Ian Bonello, in terms of. Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application, filed in the Civil Court (Family Section) on the 22nd February 2005, in the records of the application number 136/04, in the names Ian Bonello vs Jennifer Zahra, the applicant Jennifer Zahra 484076(M) pleaded with respect;

That according to decree number 1130/04, as subsequently amended and varied by decree number 1345/04, the respondent has access to the minor on Monday, Wednesday and Friday between 5 and 7 p.m. with the condition that Sylvana Sammut, who is the woman with whom the respondent is cohabiting, is not present and the respondent is obliged to pay the applicant maintenance of Lm150 per month for the minor.

That primarily the respondent is not paying this maintenance as he paid the applicant one cheque which was not cashed a copy is hereby attached.

That the respondent whilst not paying this maintenance, is not annoyed by going to weekend breaks with Sylvana Sammut and he organizes small parties for the same Sammut.

That when the respondent exercises his right of access to his son he does not till this day obey the Court Order, that Sylvana Sammut should not be present and this despite that in its last decree this Honourable Court warned the respondent that if he takes the minor in the presence of Sylana Sammut access was going to be reduced.

That the applicant noticed that the respondent still takes the minor in the presence of Sylvana Sammut, because when the minor saw the photo of Sylvana he started pointing his finger towards her and called her 'Aunty'.

That the applicant is noting that when the minor comes back from the access he is disorientated and he does not want to leave his mother and holds on to her.

Further more when the respondent calls for the minor he is provoking the applicant's father to quarrel and occasionally he quarreled with him and the applicant, even infront of the minor.

That this behaviour on the part of the respondent is of great prejudice to the minor especially due to the presence of Sylvana Sammut.

Illi għalhekk l-aċċess jeħtieġ li jew jitneħħa kompletament, jew jiġi mnaqqas u jsir taħt sorveljanza biex ikun żgurat li ma jkunx hemm Sylvana Sammut.

Għaldaqstant l-esponenti qed titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tvarja d-digriet numru 1345/04, billi jitneħħa l-aċċess kompletament jew jitnaqqas u jkun eżerċitat taħt sorveljanza, skond kif il-Qorti jogħġobha tipprovdi għall-istess minuri.

Intimat: Flat 1, Louis, Triq Borg, Fleur-de-Lys, Birkirkara.

Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja)

Imħallef Onor. Geoffrey Valenzia, LL.D.

Rikors Ġenerali Nru: 136/04

Digriet Nru: 1345/04

Ian Bonello

Vs

Jennifer Zahra

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-6 ta' Diċembru, 2004.

Rat ir-risposta;

Tvarja d-digriet preċedenti tagħha fis-sens li l-aċċess ikun biss it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn 5-7 p.m. u ma tkunx preżenti Sylvana Sammut.

F'każ li jerġa' ma jiġux osservati dan id-digriet, l-aċċess jerġa' jonqos.

Illum 30 ta' Diċembru 2004.

Anne Xuereb
Deputat Reġistratur.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 22 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That thus it is necessary that the access either be completely removed, or reduced and be exercised under supervision, in order that it be ascertained that Sylvana Sammut is not present.

Thus the applicant is humbly asking that this Honourable Court varies the decree number 1345/04, by completely removing the access or reducing it and it be exercised under supervision, as the Court wishes to provide for the same minor.

Respondent: Flat 1, Louis, Borg Street, Fleur-de-Lys, Birkirkara.

Civil Court

(Family Section)

Judge Hon. Geoffrey Valenzia, LL.D.

General Application No. 136/04

Decree No. 1345/04

Ian Bonello

Vs

Jennifer Zahra

The Court;

Having seen the application of the 6th December, 2004.

Having seen the reply;

Varies the preceding decree in the sense that access, shall be only on Monday, Wednesday and Friday between 5 -7 p.m. while Sylvana Sammut is not present.

In case that this decree is not observed, access shall be further reduced.

Today 30th December 2004.

Anne Xuereb
Deputy Registrar.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 22nd April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

860

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Lulju 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-2 ta' Settembru 2003, HSBC Bank Malta p.l.c. vs Borg Carmelo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-2 ta' Settembru 2003, lil Carmelo u Mary Victoria konjugi Borg, Blokk 6, Flat 3 Triq id-Deheb Fin, Qormi, (notifika kull wieħed), is-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. ta' 116, Archbishop Street, Valletta tirreferilkom għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Jonathan Zammit, datat 13 ta' Jannar 2003, (Dokument 'K') u tinterpellakom sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum intom tħallsu s-somma ta' Lm3,993.67 (tlett elef disa' mija tlieta u disgħin lira Maltija u sebgħa u sittin ċenteżmi) dovuti a tenur ta' l-ewwel parti ta' l-istess kuntratt oltre l-imgħaxijiet legali fis-sena mid-data tal-imsemmi kuntratt sad-data tal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' ħlas is-soċjetà mittenti tavżakom li se jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Din l-ittra hija rikjesta mil-Liġi u qed tintbagħat sabiex tirrendi l-kuntratt surreferit eżegwibbli, u dana a tenur ta' l-Artikolu 256 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 22 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 20th July 2004, in the records of the judicial letter filed on the 2nd September 2003, HSBC Bank Malta p.l.c. vs Borg Carmelo, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 2nd September 2003, against Carmelo and Mary Victoria spouses Borg, Block 6, Flat 3, Id-Deben Fin Street,Qormi, (separate service), the company HSBC Bank Malta p.l.c. of 116, Archbishop Street, Valletta, refers you to the contract of constitution of debt in the records of Notary Jonathan Zammit dated 13th January 2003, (Document 'K') and calls upon you so that within seven days from today you pay the sum of Lm3,993.67 (three thousand nine hundred and ninety three Maltese liri and sixty seven cents) due in terms of the first part of the same contract besides legal interest from the date of the said contract till the date of effective payment.

Failing payment the interpellant company warns you that further Court action wlll be taken against you in execution of their executive title without any other prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

This letter is required by law and is being sent to render the contract above referred to executable and this in terms of Article 256 (2) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 22nd April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

861

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Novembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-2 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Michelle Ciantar ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrat (Malta) fit-2 ta' Settembru 2004, lil Michelle Ciantar, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lil intimata sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' seba' mija u tlieta u sebgħin

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 23rd November 2004, in the records of the judicial letter filed on the 2nd September 2004, in the names Bank of Valletta p.l c. vs Michelle Ciantar ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 2nd September 2004, against Michelle Ciantar, the company Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent so that within two days she pays the sum of seven hundred and

Lira Maltija u disgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm773.79) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" tagħha mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma; l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2004, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Intimata: Michelle Ciantar (I.D. Numru 139073(M)
Apartment 5, Block 12 B, Prof. Walter Ganado Street,
Pembroke.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 22 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

seventy three Maltese liri and seventy nine cents (Lm773.79) balance of debt in their "Loan Account" with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 1st April 2004, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Respondent: Michelle Ciantar (ID Number 139073M)
Apartment 5, Block 12B, Prof. Walter Ganado Street,
Pembroke.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 22nd April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

862

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fil-15 ta' Marzu 2005, minn Alexander Micallef proprio et nomine, Numru 170/2005 fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu u tal-kumplament ta' ħutu Joseph, Mario, Jeoffrey, Andrew, Silvana Muscat mart Ricky, Sheila Zammit mart Angelo, Marlene Borg mart Anthony, Gwyneth Vella u Natalia Micallef, aħwa Micallef, ulied id-decujus, u dan fi kwota ta' deċima parti (1/10) kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' missieru Giuseppe sive Joseph Micallef, legalment separat minn ma' Maria Micallef neè Attard, imwieled Birkirkara kien joqgħod il-Kunċizzjoni, limiti tar-Rabat, Malta u miet f'Ħal Balzan fil-21 ta' Lulju, 2004 ta' 72 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 707831(M) u li miet b'testament datat 22 ta' Settembru, 1991 in atti tan-Nutar Dottor Joe Cilia u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 15th March 2005, by Alexander Micallef proprio et nomine, application No. 170/2005, whereby he asked that it be declared open in his favour and of the rest of his brothers and sisters Joseph, Mario, Jeoffrey, Andrew, Silvana Muscat wife of Ricky, Sheila Zammit wife of Angelo, Marlene Borg wife of Anthony, Gwyneth Vella and Natalia Micallef, siblings Micallef, children of the decujus, and this in the quota of one-tenth each (1/10) in favour of each one of them the SUCCESSION of his father Giuseppe sive Joseph Micallef, legally separated from Maria Micallef neè Attard, born in Birkirkara who lived at Kunċizzjoni limits of Rabat, Malta and died in Balzan, on the 21st July 2004, aged 72 and who had identity card number 707831(M) and who died leaving a will dated 22nd September 1991, in the records of Notary Dr Joe Cilia and thus the issuing of the bann was ordered in order that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*